# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, l-Erbgħa, 11 ta' Ottubru, 2023**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 161/2020 ISB**

**Maurine Ann Fabri (I.D. 132405L) u Martes Ann Galea (I.D. 46284M) bħala eredi ta' Paul Fabri**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat u b'digriet tat-18 ta' Marzu 2021 ġiet kjamata fil-kawża il-kumpannija Global Capital Finance Management Limited (C30053)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Maurine Ann Fabri u Martes Ann Galea**, intavolat fit-13 ta' Awwissu 2020, li permezz tiegħu, talbu lil din il-Qorti sabiex:

*(1) Tiddikjara li gew lezi d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti fosthom dawk enunzjati fl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-arikolu 6(1) tal-*

*Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali inkorporata fl-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzoni Ewropea, Kap. 319 Ligijiet ta' Malta;*

*(2) Konsegwentement tiddikjara null u invalidu fil-ligi d-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal- 11 ta' Gunju 2019 fejn l-istess Qorti tal-Appell iddikjarat l-appell tar-rikorrenti odjerni dezert; u*

*(3) Taghtihom dawk ir-rimedji kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieqa u opportuni ghat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li r-rikorrenti jinghataw dritt ghal access ghal Qorti jew awtorita` gudikanti ohra sabiex it-talbiet originali legittimi taghhom jigu decizi b'mod prattiku u effettiv.*

U dan wara illi ppremettew:

1. *Illi b'rikors guramentat prezentat fis-17 ta' Lulju 2013 kontra is-socjeta' intimata Global Capital Financial Management Limited (Rikors Guramentat numru 694/13 JRM), ir-rikorrenti Maurine Ann Fabri u Martes Ann Galea, wara li ghamlu l-premessi hemm dedotti, talbu lis-socjeta intimata Global Capital Managment Limited tghid ghaliex il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ma ghandhiex:*

   *(1) Tiddikjara in vista ta' dak permess lis-socjeta konvenuta Global Capital Financial Managment Limited responsabbli ghad-danni, inkluz telf tal-patrimonju, qligh u imghax, minhabba inter alia 'misselling';*
   *(2) Tikkundanna lis-socjeta konventa Global Capital Financial Management Limited thallas lill-atturi Maurine Ann Fabri u Martes Ann Galea s-somma globali fl-ekwivalenti fi flus Wero ta' GBP59,532.98 (disgha u hamsin elf, hames mija tnejn u tletin punt tmienja u disghin liri Sterlini) fuq imsemmija dovuti kif intqal fil-premessi;*
   *(3) Tillikwida d-danni u/jew it-telf ta' patrimonju, qliegh u imghax li sofrew l-atturi konsegwenza tal-'misselling' ipprattikat mis-socjeta konvenuta fil-konfront tal-attrici Maurine Ann Fabri u zewgha Paul Fabri li lahaq miet qabel il-kawza;*
   *(4) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta Global Capital Financial Management Limited thallas lill-istess atturi rikorrenti odjerni t-telf ta' patrimonju, qligh u imghax u/jew danni fuq likwidati.*

   *Bl-imghax legali fuq l-imsemmija somma ta' GBP59,532.29 kontra s-socjeta konvenuta Global Capital Financial Management Limited mit-12 ta' Settembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' konvenuta inkluzi l-ittra ufficcjali tat-18 ta' Jannar 2013 u tal-mandat ta'sekwestru prezentat kontestwalment, u s-socjeta konvenuta giet minn dakinhar ingunta ghas-subizzjoni;*

2. *Illi b'digriet moghti waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru 2013 fuq talba tal-konsulent legali tar-rikorrenti l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddedkretat li l-proceduri kollha tal-kawza kellhom min dakinhar isiru bil-lingwa Ingliza;*

3. *Illi b'sentenza mogħtija fit-8 ta' Mejju 2014 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta intimata Global Capital Financial Management Limited billi:*

   *"For these reasons, the Court upholds the defendant company's first preliminary plea and declares that the plaintiffs' action is affected by formal nullity on the basis of incompatible claims;*

   *The Court therefore decides and rules that:*

   *It **upholds the first preliminary plea** of the defendant company and discharges the said company from complying with the proceedings, thus declaring it non-suited, with **costs** against the plaintiffs.";*

4. *Illi r-rikorrenti hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-8 ta' Mejju 2014 u fis-27 ta' Mejju 2014 interponew umli appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell fejn principalment issottomettew li t-talbiet taghhom fir-rikors guramentat numru 694/13JRM mhumiex inkompatibbli kif kienet iddeccidiet l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-8 ta' Mejju 2014 ghar-ragunijiet dettaljati hemm esposti;*

5. *Illi wara li r-rikorrenti damu kwazi hames snin jistennew, l-Onorabbli Qorti tal-Appell appuntat l-appell ghas-smigh ghat-12 ta' Marzu 2019 filwaqt li d-Deputat Registratur tal-Qorti talab lir-rikorrenti sabiex jiddepozitaw is-somma ta' €7,061.82 bhala garanzija ghall-ispejjez tal-appell sa jumejn mis-smigh tal-appell, liema somma hija aktar minn ghaxra fil-mija (10%) tas-somma kapitali li r-rikorrenti tilfu minhabba l-'misselling' tas-socjeta' intimata Global Capital Financial Managament Limited, u dan biex tigi sorvolata biss l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-istess socjeta intimata Global Capital Financial Management Limited;*

6. *Illi wara d-diferiment tas-seduta tat-12 ta' Marzu 2019 peress li kienet mehtiega s-surroga wara l-astensjoni ta' l-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef, ir-rikorrenti pprezentaw rikors fl-1 ta' April 2019 fejn wara li ssottomettew:*

   *"(i)That during the first hearing of this appeal held on 12 March 2019 the plaintiff appellant declared that she was served with both the notice of hearing and with the notice of guarantee for the costs, and was informed by the Court that she is bound to pay such guarantee for costs prior to the date of the next hearing; (ii) That apparently the notice of guarantee for the costs was calculated on the value being claimed, and such a guarantee, as calculated, amounts to €7,061; (iii) That the merit of the present appeal is only in regard to a point of law since plaintiffs are appealing from the decision of the Honorable First Court which had found that "the plaintiffs' action is affected by formal nullity on the basis of incompatible claims"; (iv) That, consequently, it is the humble opinion of appellants that the guarantee for the costs ought to have been calculated as being in regard to a point of law, and not calculated on the value being claimed; (v) That it is also the humble opinion of appellants that, in the circumstances where they are*

*trying to overturn a decision of formal nullity of their application on oath, the requirement of having to pay €7,061 security for costs is excessive and, with respect, is tantamount to effectively obstructing them from seeking justice, especially when they have lost more than €59,000 due to investment mis-selling by defendant company."*

*talbu: "Consequently, the appellants humbly request this Honorable Court of Appeal to authorize and order the Registrar (Civil Courts and Tribunals) to review the amount of the guarantee for costs in connection with their appeal in the names above-quoted, together with any direction it may consider giving him.",*

*liema rikors se jissejjah aktar 'l isfel bhala "l-ewwel rikors";*

7. *Illi fil-25 ta' April 2019 ir-rikorrenti pprezentaw it-tieni rikors taghhom fejn wara li ppremmettew li "(i) THAT this appeal has been adjourned to the 7th May 2019 at 12.30 for payment of security for costs and oral submissions; (ii) THAT this is an application in terms of article 904 (1) of the Code of Civil Procedure, whereby applicant requests to be admitted to the juratory caution: she considers to have a probabilis causa litigandi, and also that she was unable to raise such security; (iii) THAT the amount invested with defendant were essentially her life's savings, being the amount her husband saved from his self-employment as a tailor, and applicant has no other savings or assets with which to pay the guarantee since she lives only through her modest pension; (iii) THAT applicant has already filed an application before this court for the amount by way of guarantee to be taxed on the basis of a point of law and not ad valorem, and has paid the necessary service; (v) THAT with respect applicant has now to reserve her position according to law as to the fundamental right to access to a court, "*

   *talbu: "APPLICANT THEREFORE HUMBLY REQUESTS THIS HONOURABLE COURT that this Court, without prejudice to her pending application on the calculation of the amount due by way of security for costs, admit her in terms of article 904 of the Code of Civil Procedure (Chpt 12) to the juratory caution.";*

8. *Illi fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2019 l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddekretat li:*

   ***"The Court,***

   *Having seen the application filed by appellant Maurine Ann Fabri on the 25th April 2019; Having heard her on oath; Having heard appellant Martes Ann Galea; since the obligation to pay the sum to guarantee the costs of the appeal binds appellants in solidum and since the aforemedntioned Martes Ann Galea did not pay this sum;*

   *The Court therefore declares the appeal abandoned (dezerta)."*

9 *Illi l-ilmenti kostituzzjonali tar-rikorrenti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

***Nuqqas ta' Dritt ta' Access ghal-Qorti bhala konsegwenza naturali tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeal ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem***

10 *Illi jigi umilment sottomess li ghar-ragunijiet li gejjin r-rikorrenti gew imcahhda mid-dritt prattiku u effettiv ghal access ghal-Qorti jew awtorita' gudikanti ohra.*

(i) *Bir-rispett l-Onorabbli Qorti tal-Appell naqset li tiddeciedi l-ewwel rikors prezentat mir-rikorrenti fl-1 ta' April 2019. B'dan ir-rikors l-atturi talbu li l-Onorabbli Qort tal-Appell tordna lir-Registratur (Qrati Civili u Tribunali) jirrevedi l-ammont tal-garanzija ghall-ispejjez ta' €7,061 peress li dan gie kalkulat fuq ir-valur li qed jigi mitlub mentri t-talba tal-appellanti rikorrenti odjerni kienet fuq punt ta' ligi u cioe' appell minn decizjoni fejn l-Onroabbli Prim'Awla ta-Qorti Civili iddeciediet li 'the plaintiffs' action is affected by formal nullity on the basis of incompatible claims'. B'din in-nuqqas ta' decizjoni l-Onorabbli Qorti tal-Appell cahhdet lir-rikorrenti minn access ghal Qorti biex il-lanjanza principali taghhom ta' telf ta investiment minhabba 'misselling' tas-socjeta intimata Global Capital Financial Management Limited tigi effettivament deciza;*

(ii) *Bir-rispett l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u tad-dritt applikabbli a rigward it-tieni rikors tal-appellanta rikorrenti ojerna Maurine Ann Fabri li tinghata l-beneficcju bil-gurmanet ("cautio juratoria") u b'hekk cahhdita minn access adekwat u effettiv ghal-Qorti. Fil-fatt huwa stabbilit li "Id-disponsizzjonijiet dwar il-hlas tal-kawtela tal-appell huwa ta' interpretazzjoni stretta u fid-dubbju l-Qorti ghandha ttendi biex tiffavorixxi d-dritt ta' appell u mhux li tichdu" – Joseph Chircop et (vs) Salvatore Muscat et, 28/2/1997 (Qorti tal-Appell);*

(iii) *Illi r-rikorrenti fethu l-kawza taghom biex jithallsu ghat-telf ta' patrimonju, qliegh u imghax u/jew danni quddiem il-Qrati ordinarji fis-17 ta' Lulju 2013. Illi fil-frattemp fit-18 ta' April 2016, meta r-rikorrenti kienu qed jistennew bil-herqa biex jigi appuntat l-appell taghhom minn decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fuq nullita' formali tar-rikors guramentat promotur taghhom, dahal fis-sehh l-Att dwar l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarju (Kapitolu 555 tal-Ligijiet ta' Malta). B'dan l-Att twaqqaf l-Uficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji bis-segha li jirrimedja, jinvestiga u jiddeciedi inter alia fuq ilmenti fir-rigward tal-imgieba ta' provditur tas-servizzi finanzjarji li tkun sehhet fl-ewwel ta' Mejju 2004 jew wara.[1] Madankollu, ir-rikorrenti kienu prekluzi milli jaccedu quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji peresss li ai termini tas-subarikolu (2) tal-artikolu*

---

[1] Artikolu 21 (i) (b) tal-Kap. 555 li fil-*proviso* tieghu jipprovdi ukoll li "lment dwar imġiba li tkun seħħet qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandu jsir lill-Arbitru sa mhux aktar tard minn sentejn minn meta dan il-paragrafu jidħol fis-seħħ."

*21 tas-istess Kapitolu 555 tal-Ligijiet ta' Malta l-legislatur stabbilixxa li:*

*"Arbitru ghandu jirrifjuta li jezercita s-setghat tieghu taht dan l-Att meta:*

*(a) L-imgieba li jkun sar l-ilment dwarha hi jew kienet soggetta ghal kawza quddiem qorti jew tribunal mibdija mill-istess persuna li tkun qed taghmel l-ilment u li tkun dwar l-istess mertu.......:*

*Illi t-tariffa biex wiehed jaghmel ilment mal-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji hija biss €25 u din tirriskontra bil-qawwi mal-ammonti mhallsa mir-rikorrenti sabiex fethu u komplew il-proceduri quddiem il-Qrati ordinarju u specjalment l-ammont ta' €7,061 li r-rikorrenti gew mitluba jiddepozitaw bhala garanzija ghall-ispejjez ghal appell biex iwaqqghu decizjoni ta' nullita' formali tar-rikors guramentat promotur tar-rikorrenti.*

11. *Illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kollha ir-rikorrenti gew imcahhda minn access prattiku u effettiv ghal-Qorti jew awtorita' gudikanti ohra. Filwaqt li r-rikorrenti ghamlu aktar minn sitt snin jirrpuvaw jaccedu ghal gustizzja quddiem il-Qrati Ordinarji fejn gew imcahhda minn decizjoni ta' nullita formali u nuqqas ta' appell effettiv minn tali decizjoni, huma gew ukoll effettivament u prattikament prekluzi legislattivament milli jaccedu b'€25 quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji peress li kien fethu proceduri quddiem il-Qrati ordinarji ferm qabel li dahlet bi-sehh il-ligi li stabbilitu, liema proceduri fl-ahhar mill-ahhar sfaw inutli minhabba formalita' zejda u rikjesti ghal-hlas eccessiv biex ir-rikorrenti jaccedu ghal-gustizzja kif ghandhom dritt jaghmlu.*

Rat id-digriet tagħha, kif diverament preseduta, tat-18 ta' Awwissu 2020 li permezz tiegħu il-kawża ġiet appuntata għall-10 ta' Novembru 2020 fis-1:00 p.m.

Rat ir-**risposta** tal-**Avukat tal-Istat** intavolata fis-17 ta' Settembru 2020 (fol 11) b'numru ta' dokumenti annessi li permezz tagħha eċċeppixxa:

1. *Illi qabel xejn billi r-rikorrenti qegħdin f'din il-kawża jitolbu fost ħwejjeġ oħra li din l-Onorabbli Qorti tintervjeni u tagħti xi deċiżjonijiet li jistgħu jolqtu l-proċeduri ċivili bin-numru 694/2013JRM, fejn kien hemm involuta wkoll il-kumpannija Global Capital Financial Management Limited, allura jinħass xieraq għall-għanijiet ta' integrità ta' ġudizzju li din il-kumpannija tkun parti hija wkoll f'din il-kawża. Tassew mill-perspettiva tal-**artikolu 237 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** huwa fl-interess tar-rikorrenti stess li jdaħħlu lill-Global Capital Financial Management Limited f'din il-kawża; jekk huma jridu li s-sentenza f'din il-kawża tiġi torbot u tgħodd għal din il-kumpannija wkoll;*

2. *Illi hekk ukoll, hemm bżonn li jiddaħħal fil-kawża d-Direttur Ġenerali (Qrati), jekk kemm-il darba r-rikorrenti jridu b'din il-kawża li tiġi mistħarrġa l-ammont tal-garanzija għall-ispejjeż tal-appell fil-każ 694/2013JRM maħruġa mir-reġistratur tal-Qorti skont l-**artikolu 249 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

3. *Illi lil hemm minn dan, l-esponent jemmen li r-rikorrenti ma kellhomx għalfejn jinqdew bil-proċeduri kostituzzjonali biex jattakkaw id-digriet ta' deżerzjoni mogħti mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Ġunju 2019. Digrieti inkluż dawk ta' deżerzjoni, kuntrarjament għal sentenzi, jistgħu jiġu attakkati permezz ta' rikors maħluf;*

   *Billi għalhekk ir-rikorrenti għandhom f'idejhom rimedju ordinarju tajjeb biex jikkontestaw id-digriet ta' deżerzjoni, m'hemmx lok għalfejn din l-Onorabbli Qorti għandha tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha skont kif imsemmi fl-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u l-proviso tal-**artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

4. *Illi bla ħsara għal dan, f'dak li għandu x'jaqsam bħala mertu tal-ilment ta' ksur ta' smigħ xieraq, jissokta billi jingħad li r-rikorrenti m'għandhomx raġun jilmentaw mill-fatt li l-Qorti tal-Appell ma ddeċidietx it-talba tagħhom dwar kif inħadmet il-garanzija għall-ispejjeż tal-appell;*

   *Tassew il-Qorti tal-Appell għamlet sew li ma ddeċidietx din it-talba għaliex talba bħal dik kellha ssir b'azzjoni ad hoc kontra d-Direttur Ġenerali (Qrati) u mhux b'rikors fl-atti tal-appell bejn terzi. Wara kollox, il-garanzija tal-ispejjeż skont l-**artikolu 249 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** hija att tar-reġistratur u għalhekk biex din tiġi kkontestata kellha ssir azzjoni apposta kontra min ħareġ dan l-att;*

5. *Illi f'kull każ, ir-rikorrenti m'għandhomx raġun jgħidu li l-garanzija tal-ispejjeż ġiet maħduma ħażin. Anzi r-reġistratur għamel sew li ħadem il-garanzija tal-ispejjeż fuq il-valur tad-danni li r-rikorrenti kienu qegħdin jitolbu fil-kawża 694/2013JRM u ma ħadimx il-garanzija tal-ispejjeż bħallikieku l-kawża kienet waħda dwar punt ta' liġi;*

   *Għad li l-kawża 694/2013JRM intilfet quddiem l-Ewwel Qorti minħabba nuqqas formali fit-tfassil tar-rikors maħluf, dan ma jbiddilx in-natura tal-azzjoni fil-kawża, viz. dik ta' ħlas ta' danni f'ammont li joqrob is-sittin elf Sterlina Ingliża;*

6. *Illi r-rikorrenti lanqas m'għandhom raġun jgħidu li huma ma setgħux jagħmlu użu mir-rimedji mdaħħla fil-liġi bis-saħħa tal-**Kap 555 tal-Liġijiet ta' Malta**. Is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fil-kawża 694/2013JRM (ara **Dok. AS1**) ma qalitx li r-rikorrenti ma kellhomx raġun fit-talbiet tagħhom kontra Global Capital Financial Management Limited. Mod ieħor, f'din is-sentenza dik il-Qorti qalet biss li l-avukat li fassal ir-rikors maħluf, ħa żball għaliex huwa daħħal fih talbiet li ma setgħux joqgħodu flimkien; u sewwasew għalhekk, minħabba dina n-nullità formali fir-rikors, hija ħelset lil Global Capital Financial Management Limited mill-ħarsien tal-ġudizzju;*

   *Ifisser dan kollu, illi ladarba l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili baqgħet ma ddeċidiet qatt il-mertu tal-ilmenti tar-rikorrenti, allura ma kien hemm xejn*

*xi jżomm lir-rikorrenti milli jekk iridu jċedu l-appell tagħhom u jressqu ilment quddiem l-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji skont l-***artikolu 21 tal-Kap 555 tal-Liġijiet ta' Malta***;*

7. *Illi naturalment jekk ir-rikorrenti nsistew li jkomplu bl-appell tagħhom biex jippruvaw isalvaw ir-rikors maħluf tagħhom u sadanittant laħaq għadda ż-żmien ta' sentejn biex iressqu l-ilment tagħhom quddiem l-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji skont l-***artikolu 21 tal-Kap 555 tal-Liġijiet ta' Malta***, dan kien frott tal-għażliet tagħhom u mhux għaliex kien hemm xi għemil ħażin jew nuqqas tal-Istat;*

8. *Illi f'dan il-kuntest għalhekk ir-rikorrenti ma jistgħu jsibu l-ebda wens fl-argument tagħhom li l-ispejjeż biex jitessaq ilment quddiem l-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji huwa ħafna inqas mill-ispejjeż quddiem il-Qorti tal-Appell. Jekk ir-rikorrenti ma marrux quddiem l-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji dan kien hekk għaliex huma stess għażlu li jmorrux quddiem, għaliex ippreferew li jiddefendu s-siwi tar-rikors maħluf fil-kawża 694/2013;*

   *Issa jekk wara dawn is-snin kollha ħareġ li r-rikorrenti ħadu d-deċiżjoni l-ħażina li jibqgħu jiddefendu r-rikors maħluf 694/2013 u b'hekk ħallew jaħarbilhom ir-rimedju ġdid imdaħħal bil-***Kap 555 tal-Liġijiet ta' Malta***, ir-rikorrenti m'għandhomx ħlief li jlumu lilhom infushom għad-deċiżjoni li ħadu;*

9. *Illi bla ħsara għal dan kollu, safejn ir-rikorrenti qegħdin jgħidu li huma ġew imċaħħda minn aċċess għall-qorti minħabba d-digriet ta' deżerzjoni, tajjeb li jingħad li l-jedd ta' aċċess għall-qorti taħt l-***artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*** *u l-***artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea*** *mhuwiex wieħed assolut jew mingħajr limiti. Sewwasew f'dan il-każ huwa mistenni u aċċettat li proċeduri ġudizzjarji jistgħu jkunu soġġetti għall-ħlas ta' spejjeż ġudizzjarji. Il-ġbir tal-ispejjeż ġudizzjarji huwa minnu nnifsu xi ħaġa leġittima u raġonevoli anke jekk tkun oneruża f'ċertu każijiet;*

10. *Illi barra minn hekk, wieħed ma jridx jinsa wkoll li persuna tista' titlob li tiġi meħlusa milli tħallas din il-garanzija skont l-***artikolu 904 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta***, jekk kemm-il darba din turi li hija għandha mad-daqqa t'għajn argument validu biex tappella u taħlef li hija m'għandhiex mezzi biex tħallas il-garanzija tal-ispejjeż. B'dan il-mod għalhekk il-liġi toħloq bilanċ ġust u xieraq bejn il-partijiet sabiex ma ċċaħħadx lil dak li jkun mid-dritt tiegħu illi jappella minn sentenza u fl-istess ħin ma tħallix lil dak li jkun li jressaq appell li jkun ċar li sar biss biex itawwal iż-żmien;*

11. *Illi fil-każ tagħna, ir-rikorrenti Martes Ann Galea li appellat flimkien ma' Maurine Anne Fabbri mis-sentenza fil-kawża 694/2013 ma ħalfitx quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-***artikolu 904 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta*** *li hija ma kellhiex mezzi finanzjarji biex tħallas il-garanzija tal-ispejjeż;*

*Il-garanzija tal-ispejjeż kienet waħda li kellha titħallas flimkien bejn Martes Ann Galea u Maurine Anne Fabbri b'mod solidali. Jiġi b'hekk, li l-Qorti tal-Appell qalet sew fid-digriet tagħha tal-11 ta' Ġunju 2019 (ara* ***Dok. AS2****), li l-appell għandu jiġi meqjus bħala deżert, ladarba Martes Ann Galea ma ħalfitx hija wkoll li m'għandhiex il-flus biex tħallas il-garanzija;*

12. *Illi f'dan l-isfond għalhekk ir-rikorrenti mhumiex siewja meta jgħidu li huma ġew imċaħħda mill-jedd tal-appell tagħhom. Jekk xejn, kien in-nuqqas tagħhom stess li wassalhom għat-telf tal-appell tagħhom. Jiġi b'hekk, li ma seħħ l-ebda ksur la tal-****artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*** *u lanqas tal-****artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea****;*

13. *Illi fl-aħħarnett, la l-ewwel talba tar-rikorrenti ma' tistax tintlaqa', ma jistgħux lanqas jintlaqgħu t-tieni u t-tielet talba tagħhom dwar ir-rimedji li għandhom jirċievu;*

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2020, il-Qorti iddikjarat li qabel tidħol fil-mertu, għandha tippronunzja ruħha dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat tal-Istat.

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2021, id-difensur tar-rikorrenti kkjarifika li l-ilment tar-rikorrenti hu illi t-taxxa kif korrettement maħduma mir-Reġistratur hija vjolattiva tal-Artikolu 6 u għalhekk l-ilment huwa dwar il-liġi nnifisha. Rat ukoll illi in vista ta' din id-dikjarazzjoni d-difensur tal-Avukat tal-Istat irtira t-tieni eċċezzjoni tiegħu.

Rat id-digriet tagħha mogħti fl-udjenza tat-18 ta' Marzu 2021 li permezz tiegħu l-Qorti pprovdiet is-segwenti:

*Ghar-raġunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tipprovdi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat billi:*

*Bl-applikazzjoni tal-Art 961 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-kjamata fil-kawża tal-kumpannija Global Capital Financial Management Limited (C30053).*

*Tordna n-notifika lill-kjamata fil-kawża tal-atti promotrji tal-azzjoni tar-rikorrenti, spejjez ghall-intimat Avukat tal-Istat.*

*Taghti lill-kjamata fil-kawza zmien ghoxrin (20) jum min-notifika sabiex tipprezenta risposta.*

*L-ispejjez relatati mad-decizjoni tal-lum jibqgħu riservati ghall-gudizzju finali.*

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2021, bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-proċeduri Appell 694/13 fl-ismijiet **Maurine Ann Fabri et vs Global Capital Finance Ltd**, liema proċeduri ġew deċiżi b'mod definittiv.

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2021, ir-rikorrenti ppreżentaw nota (fol 55) bi tliet affidavits ta' Anne Maurine Fabri (fol 56 sa fol 58) Martes Ann Galea (fol 59 sa fol 60) u Carmelo Galea (fol 61).

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2022, ir-rikorrenti ppreżentaw nota (fol 64) bi tliet affidavits addizzjonali ta' Anne Maurine Fabri (fol 65) Martes Ann Galea (fol 66) u Carmelo Galea (fol 67 sa 70). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti li m'għandux aktar provi x'jipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2022 xehdet in kontro-eżami **Marthese Anne Galea**.

Rat in-nota tar-rikorrenti intavolata fis-16 ta' Marzu 2022 li permezz tagħha ppreżentat żewġ dokumenti (Dok MAG 1 u Dok MAG 2, fol 78 sa fol 85).

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Mejju 2022 id-difensur tal-Avukat tal-Istat iddikjarat li m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Settembru 2022, id-difensur tas-soċjeta' kjamata fil-kawża ddikjarat li m'għandhiex provi x'tipproduċi u għalhekk bi qbil mad-difensuri tal-partijiet kollha, il-Qorti ddikjarat il-provi magħluqa.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali estensivi tal-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2023, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet il-kawża setgħet titħalla għal-llum għad-deċiżjoni.

### Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi r-rikorrenti **Maurine Ann Fabri** fl-affidavit tagħha tgħid li hi għandha erbgħa u tmenin (84) sena u armla minn żewġha Paul Fabri. Tgħid li żewġha kien jaħdem bħala ħajjat f'ħanut fl-Imsida sa meta rtira fl-eta ta' wieħed u sittin (61) sena. Tispjega li inizjalment kienu jinvestu flushom fir-Renju Unit iżda fl-2003 ttrasferew flushom f'Malta minħabba skema tal-Gvern li ħadu vantaġġ minnha. Tispjega li nvestew mas-soċjeta' Global Capital fil-Gżira, liema investiment kien jikkonsisti f'Bonds f'Aberdeen u Lloyds. Tgħid li kienu jiltaqgħu b'mod regolari mal-*financial advisor* inkarigata mill-investiment tagħhom, Lorna Pace. Tgħid li dejjem rċevew dħul regolari u s-sinjura Pace kienet tagħtihom informazzjoni regolari dwar kambjamenti fis-suq iżda l-investiment tagħhom dejjem kien sikur minħabba li l-kambjamenti kienu żgħar. Tgħid li darba minnhom ġew infurmati li l-investimenti tagħhom kienu ġew ittrasferiti għand uffiċjal ieħor u minn dakinhar bdew jirċievu telefonati b'mod regolari minn Global Capital sabiex jibdlu l-investimenti tagħhom f'investimenti iktar tajbin u sikuri. Tispjega li huma qatt ma kellhom l-intenzjoni jagħmlu dan minħabba li dejjem baqgħu jirċievu pagamenti b'mod regolari minkejja ċaqliq żgħir u għalhekk kienu kuntenti.

Tispjega li kienu jattendu fl-uffiċju tal-Global Capital sabiex jiddiskutu l-investiment tagħhom u Joseph Lautier kien jgħidilhom li kollox sikur u m'hemmx dwar xiex jinkwetaw. Tgħid li żewġha ma kienx komdu li jibdel l-investimenti iżda minħabba l-insistenza tal-kumpanija kienu qablu li jagħmlu dan u qagħdu fuq il-pariri tagħhom minħabba li huma ma kellhomx għarfien tas-settur.

Tgħid li wara li ffirmaw il-karti neċessarji u investew f'Lifemark ma kienux jirċievu korrispondenza daqshekk regolari u d-dħul naqas meta kkomparat mal-investiment preċedenti. Tispjega li żewġha kien spiss iċempel biex jivverifika li kollox sew minħabba li ċ-ċaqliq fis-swieq kummerċjali mad-dinja kollja iżda ir-risposta dejjem kienet li m'hemmx inkwiet u li l-investiment ma kienx qiegħed jiġi affetwat.

Tgħid li rċevew tlieta jew erbgħa pagamenti t'interessi iżda wara dan kull dħul waqaf. Tispjega li rċevew ittra minn Global Capital u anke kien ikkonfermat fuq it-telefon li kellhom jistennew sitt (6) xhur sabiex is-sitwazzjoni tiġi riżolta. Tgħid li darba minnhom waqt li kienu fuq btala fl-Ingilterra, żewġha kien qara fil-gazzetti li kien hemm il-problemi f'Lifemark Investments. Iżda, lura f'Malta, meta kkuntattja lil Global Capital sabiex jieħdu flushom lura, it-talba ma ġietx milqugħa u ntalbu jistennew sitt (6) xhur mill-ġdid. Tgħid li din is-sitwazzjoni baqgħet għaddejja u kienu nkwetati ħafna minħabba li dawn kienu flus li ġemmgħu matul ħajjithom u ma kellhomx ħliefhom. Tispjega li meta miet żewġha l-inkwiet kien għadu hemm.

Tispjega li spiċċaw mingħajr dħul żejjed u kienu tilfu dak li ġemmgħu tul ħajjithom. Tgħid li l-ftit flus li kellhom, kienu nefquhom meta żewġa kien marid. Tgħid li meta miet żewġha kienet fi stat miżeru fejn id-dar kellha bżonn ħafna manutenzjoni. Tispjega li bintha u familtha għinuha, daru biha u waqqgħu d-dar u bnew appartamenti għall-familja minflokha.

Tispjega li r-raġel ta' bintha ħa l-każ quddiem l-Awtorita` f'Malta dwar is-Servizzi Finanzjarji li kkonfermat li kien hemm abbuż minn naħa ta' Global Capital u talbet li l-investiment jiġi ritornat.

Tgħid li spiċċaw sabiex intavolaw proċeduri quddiem il-Qorti li tilfu u kellhom joħorġu l-flus għall-appell. Tispjega li kien ir-raġel ta' bintha li kellu joħroġ il-flus minħabba li hi ma kellhiex flus.

Tispjega li wara ħames (5) snin kienu mitluba li sabiex ikomplu bl-appell tagħhom kellhom iħallsu s-somma ta' sebat elef u wieħed u sittin Ewro (€7,061). Tgħid li f'dak iż-żmien kienu qed jitlestew l-appartamenti u ma kellhomx flus kontanti u ma setatx tikkontribwixxi għal dik is-somma li kienet ħa tkun piż fuq familtha. Tgħid li ma setatx tifhem x'kien qed jiġri u d-dewmien u l-ammont ta' flus li kien ħallas ir-raġel ta' bintha għalxejn. Tispjega li kienet devestanti għaliha li tinvolvi lill-familtha f'dan kollu. Tgħid li bil-mod kif pproċediet il-Qorti kienet deprivata minn aċċess effettiv u prattiku għall-Qorti jew kwalunkwe rimedju ġudizzjarju ieħor.

Tgħid li hi taf b'numru ta' każijiet fejn investituri f'Lifemark ipproċedew quddiem l-Arbitru dwar is-Servizzi Finanzjarji, ħallsu biss ħamsa u għoxrin Ewro (€25) sabiex għamlu l-każ tagħhom u eventwalment ingħataw il-flus li kienu tilfu flimkien mal-interessi. Tgħid li hija ironika li huma ħallsu eluf ta' Ewro u l-Qorti lanqas biss semgħet il-każ. Tgħid li minħabba li kienu ntavolaw il-proċeduri quddiem il-Qrati kienu preklużi milli jirrikorru quddiem l-Arbitru dwar is-Servizzi Finanzjarji.

Fl-affidavit addizzjonali tagħha tgħid li f'Lulju tas-sena 2013, hi flimkien ma bintha Martes Galea intavolaw proċeduri kontra Global Capital ibbażati fuq *mis-selling* kif kien ikkonfermat mir-rapport tal-MFSA bir-referenza H0033 datat 16 ta' Ottubru 2012. F'Mejju 2014, l-imħallef laqgħa l-eċċezzjoni prelimari u ħeles lill-kumpanija mill-osservanza tal-ġudizzju.

Tgħid li f'Lulju tas-sena 2014 appellaw mid-deċiżjoni u f'Marzu 2019 fl-ewwel dehra quddiem il-Qorti tal-Appell kienu mitluba jħallsu l-kawtela fl-ammont ta' sebat elef, wieħed u sittin Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€7,061.82).

Tispjega li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha f'dak iż-żmien kien tikkonsisti f'kont prinċipali mal-Bank HSBC fl-ammont ta' ċirka ħamest elef Ewro (€5,000) u xi kontijiet inoperattivi oħra li flimkien ma kienux jaċċedu s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000).

Tgħid li l-unika introjtu tagħha kien mill-pensjoni minħabba li l-investimenti tagħha kienu ntillfu kollha minħabba l-Global Capital.

Tgħid li għalhekk ma setgħatx tħallas il-kawtela għax kienet tispiċċa bla flus xejn, li kienet tkun mossa irresponsabbli minn naħa tagħha. Tispjega li kienet kontinwament tirrikorri għand bintha u żewġha li għinuha minkejja d-differenzi li kellhom fil-passat iżda f'dak il-punt ħassitha skomda tkompli titlob aktar flus.

Tgħid li l-ammont ta' flus li ħallset hi kien disproporzjonat u esaġerat komparat ma dak li ħallas ħaddieħor li rrikorra quddiem l-Arbitru dwar is-Servizzi Finanzjarji.

Fl-affidavit tagħha, **Martes Ann Galea** tgħid li wara li miet missierha fl-2010, żewġha ħa l-każ tal-ġenituri tagħha fejn tilfu l-investiment ta' ħajjithom ma' Global Capital għand is-sezzjoni ta' *consumer complaints* fi ħdan l-Awtorita f'Malta għas-Servizzi Finanzjarji fejn ġie rakkomandat li Global Capital tħallas lura l-ammont sħiħ investit.

Tgħid li l-ilment kien li Global Capital qalbu l-investiment tal-ġenituri tagħha minn investiment fis-sod ma Aberdeen u Lloyds għal wieħed oskur u ċioe` Keydata Lifemark Secure Income Bonds, li kien jikkonsisti f'pagament fil-ħajja kontroversjali jew *death bond*. Tispjega li l-ġenituri tagħha kellhom fiduċja kbira fi Global Capital iżda meta l-*financial adviser* tagħhom inbidlet, riedu jbiegħu l-Lifemark Bond b'saħħa. Tgħid li l-iskandlu marbut ma' dan l-investiment huwa wieħed mill-agħar li laqgħet is-swieq Ingliżi u fil-fatt tħallas kumpens mill-UK Financial Services Compensation Scheme (FCS).

Tispjega li l-unika għażla li kellhom kien li jintavolaw proċeduri ġudizzjarji. Tgħid li l-Qorti flok daħlet fil-mertu daħlet biss f'eċċezzjonijiet prelimari u laqgħet waħda mill-istess bil-konsegwenza li ma semgħetx il-każ u weħlithom l-ispejjeż. Tgħid li huma ħassew li qed jiġu kkastigati minħabba li pproċedew b'dan il-mod.

Tgħid li l-unika xelta kienet li jipproċedu b'appell minn dik id-deċiżjoni. Tispjega li stennew ħames (5) snin sabiex jinstemgħu iżda meta waslu quddiem il-Qorti ġew mitluba jħallsu s-somma ta' sebat elef u wieħed u sittin Ewro (€7,061) sabiex ikunu jistgħu jipproċedu. Tgħid li ommha ma kinitx f'posizzjoni li tħallas u kellha ddur fuq ir-raġel tagħha sabiex joħroġ il-flus. Tispjega li r-relazzjoni bejn il-ġenituri u żewġha ma kinitx dejjem waħda tajba.

Tispjega li l-Qorti tal-Appell ikkunsidraw unikament jekk setgħetx titħallas l-kawtela u immedjatament iddikjarat l-appell deżert.

Tgħid li investituri oħra kellhom iktar suċċess għax irrikorrew quddiem l-Arbitru dwar is-Servizzi Finanzjarji iżda huma ma setgħux jirrikorru għal dan ir-rimedju minħabba li kienu diġa pproċedew quddiem il-Qrati.

Tispjega li missierha miet b'piena minħabba li ħalla lil ommha mingħajr support finanzjarju. Tgħid li x-xewqa tagħha kienet li ommha tara ġustizzja u tieħu lura dak li tteħdilha minħabba r-rejba ta' ħaddieħor.

Tgħid li għamlu lment mal-MFSA fl-2011 u pproċedew bil-Qorti fl-2013. Iżda l-mod kif pproċediet l-Qorti kienu miċħuda minn aċċess prattiku u effettiv għall-Qrati jew għal rimedju ġudizzjarju ieħor.

Tgħid li hi taf b'numru ta' każijiet fejn investituri f'Lifemark ipproċedew quddiem l-Arbitru dwar is-Servizzi Finanzjarji, ħallsu biss ħamsa u għoxrin Ewro (€25) sabiex għamlu l-każ tagħhom u eventwalment ingħataw il-flus li kienu tilfu flimkien mal-interessi. Tgħid li hija ironika li huma ħallsu eluf ta' Ewro u l-Qorti lanqas biss semgħet il-każ. Tgħid li minħabba li kienu ntavolaw il-proċeduri quddiem il-Qrati kienu preklużi milli jirrikorru quddiem l-Arbitru dwar is-Servizzi Finanzjarji.

Fl-affidavit addizzjonali tagħha tikkonferma li minn meta miet missierha, ommha dejjem kienet f'sitwazzjoni finanzjarja diffiċli minħabba l-*mis-selling* minn naħa tal-Global Capital. Tgħid li f'Lulju tas-sena 2013, ommha intavolat proċeduri kontra Global Capital ibbażati fuq *mis-selling* kif kien ikkonfermat mir-rapport tal-MFSA bir-referenza H0033 datat 16 ta' Ottubru 2012. F'Mejju 2014 l-imħallef laqgħa l-eċċezzjoni prelimari u ħeles lill-kumpanija mill-osservanza tal-ġudizzju.

Tgħid li f'Lulju tas-sena 2014 appellaw mid-deċiżjoni u f'Marzu 2019 fl-ewwel dehra quddiem il-Qorti tal-Appell kienu mitluba jħallsu l-kawtela fl-ammont ta' sebat elef, wieħed u sittin Ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€7,061.82). Tispjega li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha f'dak iż-żmien kien tikkonsisti f'kont prinċipali mal-Bank of Valletta fl-ammont ta' ċirka sitt elef Ewro (€6,000). Tgħid li l-unika introjtu tagħha kien mix-xogħol fuq bażi *part-time* ta' infermiera fl-isptar Mater Dei. Tgħid li kellha kont u self konġunti ma' żewġha.

Tispjega li hi kienet daħlet f'dawn il-proċeduri sabiex tkun ta' support għal ommha sabiex tieħu lura dak li kien tagħha iżda hi u żewġha qatt ma kienu mmaġinaw l-flus involuti. Tgħid li ommha ma kinitx f'posizzjoni li tħallas u kienet qed tħossha skomda titlob aktar flus lill-żewġha. Tgħid li kienu maħsuda meta saru jafu li riedu jħallsu l-kawtela speċjalment in vista tal-fatt li l-appell kien jikkonċerna biss l-eċċezzjoni preliminari u mhux il-mertu.

Tgħid li l-ammont ta' flus li ħallset hi kien disproporzjonat u esaġerat komparat ma dak li ħallas ħaddieħor li rrikorra quddiem l-Arbitru dwar is-Servizzi Finanzjarji.

In kontro-eżami, mistoqsija jekk kellhiex flus sabiex tħallas il-kawtela jew kinitx għażla li ma tħallasx, tgħid li ommha ma kellhiex flus biex tħallas mentri hi filwaqt li kellha flus biex tħallas, kienet tkun diffikulta` kbira għaliha wkoll.

Mistoqsija rigward propjeta` immobbli li għandha, hi tgħid li għandha żewġ postijiet, f'Bugibba u fin-Naxxar flimkien ma żewġha u propjeta` fl-Iklin li llum tikkonsisti f'erba' (4) units li minnhom hi għandha l-*penthouse*. Tgħid li fiż-żmien tal-appell l-propjeta`

fl-Iklin kienet qed titlesta u kienet tinvolvi ħafna spejjeż. Tikkonferma li l-ebda propjeta mhi mikrija.

Fuq talba tal-Avukat tal-Istat, ix-xhud ppreżentat ir-rendikont tal-kontijiet bankarji tagħha għall-ewwel sitt xhur tas-sena 2019. Il-Qorti tinnota li x-xhud ppreżentat rendikont f'isimha li l-bilanċ tiegħu f'Lulju 2019 kien jammonta għal tmint elef, erba' mija u disgħa u sebgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€8,479.50) u kont konġunt flimkien ma żewġha li l-bilanċ tiegħu f'Diċembru 2019 kien fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, sitt mija, tmienja u disgħin Ewro u sittin ċenteżmu (€21,698.60).

Fl-affidavit tiegħu **Carmelo Galea** jgħid li qabel il-mewt ta' Paul Fabri, (missieru tar-rispett), martu kienet qaltlu li missieru kien inkwetat ferm minħabba li kien tilef dak li ġemma matul ħajtu u li ser iħalli lil martu mingħajr support finanzjarju. Jispjega li f'dak iż-żmien ma kellux relazzjoni tajba mal-ġenituri ta' martu.

Jgħid li martu ma kellhiex għarfien tad-dettalji tal-investiment u meta miet missierha kien ingħata xi karti dwar Lifemark Keydata Investment. Bħala bankier, innota li kienu ġew sfurzati sabiex jibdlu l-investiment tagħhom minn wieħed sod għal wieħed oskur. Jispjega li l-iskandlu marbut ma' dan l-investiment huwa wieħed mill-agħar li laqgħet is-swieq Ingliżi u fil-fatt tħallas kumpens mill-UK Financial Services Compensation Scheme (FCS).

Jispjega l-parir tiegħu kien li jsir ilment mal-*MFSA Consumer Affairs Unit* li kkonferma li kien hemm *gross mis selling* u rrakomda li jitħallsu lura l-flus investiti. Jispjega li Global Capital rrifjutat ir-rakkomandazzjoni u għalhekk ma kellhomx alternattiva għajr li jipproċedu bil-proċeduri ġudizzjarji.

Jgħid li s-seduti quddiem il-Qrati rrivolvew mal-eċċezzjonijiet prelimari u l-Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni u l-Qorti ħellset lil Global Capital mill-osservanza tal-ġudizzju mingħajr ma qatt semgħet il-mertu. Jispjega li għalhekk ma kellhom l-ebda xelta għajr li jappellaw u wara ħames (5) snin jistennew l-appell, l-appell kien iddikjarat deżert mingħajr ma kellhom l-opportunita` jispjegaw is-sitwazzjoni tagħhom. Jgħid li kellu jħallas l-ispejjeż ġudizzjarji li kienu jammontaw għal elf, disa' mija u tnejn u tmenin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€1,982.93) fi spejjeż tal-appell u f'erbat elef, erba' mija u ħamsa u sittin Ewro (€4,465) fi spejjeż tal-avukati tal-Global Capital. Jgħid li la martu u lanqas ommha ma kellhom flus kontanti sabiex iħallsu dawn is-somom.

Jgħid li minkejja d-differenzi li kien hemm bejniethom fil-passat, hu kien ta' support għal omm il-mara kemm finanzjarment u kemm emozzjonalment. Jgħid li qatt ma immaġina li kellu jidħol f'tant spejjeż u inkwiet u ċioe għaxar snin ta' stennija, ħafna spejjeż u bla ebda tama ta' ġustizzja. Jgħid li huma ġew mcahhda wkoll mill-opportunita li jirrikorru quddiem l-Arbitru dwar is-Servizzi Finanzjarji, fejn ħaddieħor kien irnexxielu jara ġustizzja. Jgħid li missier il-mara miet bl-inkwiet li tilef dak kollu li ġemma matul ħajtu u jħoss li omm il-mara mhux ser tara ġustizzja anqas.

Fl-affidavit addizzjonali tiegħu jgħid li hu r-raġel tar-rikorrenti Martes Ann Galea u jaħdem bħala Manager il-Bank of Valletta plc.

Jispjega li wara l-mewt ta' Paul Fabri, ingħata basket bid-dokumenti u beda jfittex u jifli u jitkellem mar-rikorrenti Maurine Anne Fabri. Jispjega li sab li f'Diċembru tas-sena 2003, Paul u Maurine Fabri kienu nvestew is-somma ta' sebgħin elf sterlina (70,000 GBP) mal-Global Capital PLC f'bonds tal-Aberdeen Global High Yield Bond Fund DI (30,000 GBP) u tal-Lloyds TSB – High Income Fund (40,000 GBP). Jispjega li f'dak iż-żmien dawn iż-żewġ investimenti kienu mfittxija ħafna minn investituri Maltin u kienu jħallu qliegħ tajjeb. Jispjega li fil-fatt Paul u Maurine kienu jirċievu ċirka ħamest elef Lira Sterlina (5,000 GBP) fis-sena bħala dividenti u dejjem tħallsu fil-ħin. Jgħid li dawn l-investimenti qatt ma kellhomx problemi u għalkemm fl-2008 minħabba l-kriżi finanzjarju soffrew ftit, rkupraw u sa llum żdiedu fil-valur tagħhom. Jgħid li dawn iż-żewġ investimenti kienu awtorizzata mill-MFSA u jidhru fil-Price List tal-Borża ta' Malta.

Jgħid li fl-2008 Paul u Maurine Fabri kienu ġew avviċinati minn rappreżentanti tal-Global Capital biex idawru l-investiment tagħhom ma investiment, li skont il-parir li ġew mogħtija minn dan ir-rappreżentant kien iktar sikur għax ma kienx ivarja mas-suq. Jgħid li jaf li Paul u Maurine kienu kuntenti bl-investiment li kellhom iżda minħabba l-insistenza tas-soċjeta' Global Capital ħadu l-parir tagħhom u bidlu l-investiment. Jgħid li Paul Fabri dejjem kien jemfasizza li ried investiment bla riskju jew bl-inqas riskju possibli. Jispjega li dan kien l-unika investiment li kellhom u l-imgħax kien jikkumplimenta l-pensjoni li permezz tiegħu kienu jgawdu xi safra.

Jispjega li kieku Paul u Maurine Fabri żammew l-investimenti ma' Aberdeen u Llyods sal-2013 kienu jgawdu minn ċirka erbgħa u għoxrin elf Lira Sterlina (24,000 GDP) f'dividendi, liema investiment sa' Awwissu tas-sena 2013 kien ikun ta' ċirka erbgħa u sittin elf Lira Sterlina (64,000 GBP).

Jispjega li wara li xtraw l-investiment fil-Lifemark S.A. Secure Income Bond irċivew biss erba' (4) pagamenti li jammontaw għal ċirka ħamsa u tletin elf Lira Sterlina (35,000 GBP), hekk kif jirriżulta mid-dokumenti ta' Paul Fabri.

Jgħid li permez ta' ittra datata 5 ta' Marzu 2010, Paul u Maurine Anne Fabri ġew avżati li kien tqabbad amministratur proviżorju u sussegwentament ġew infurmati li minħabba ristrutturar ma kinux ser jirċievu imgħax. Jispjega li Paul Fabri kien sar jaf mill-gazzetti Ingliżi dwar problemi bl-investiment u kien prova jbiegħ l-investiment tiegħu iżda Global Capital kienet tgħidlu li dan mhux possibli minħabba ristrutturar. Jgħid li dan kien ta' inkwiet kbir għal Paul għax beda jibża li ser jitlef il-kapital kollu.

Jispjega li mir-riċerka tiegħu jirriżulta li l-investiment kienu fuq poloz tal-assigurazzjoni ta' nies sinjuri ġewwa l-Amerika u ċioe` li jinxtraw poloz tal-assigurazzjoni, jibqa' jitħallas il-premium u meta jmutu titħallas l-assigurazzjoni. Jgħid li meta staqsa lil Maurine kinitx taf dwar dan, kienet qalet li le. Jgħid li min begħilhom l-investiment qatt ma kien spjegalhom li l-investiment kif jiddependi fuq id-dollaru Amerikan u lanqas ma ġew spjegati riskji oħra.

Jispjega li mir-rapporti Ingliżi jirriżulta li kien hemm ħlasijiet kbar ta' kummissjonijiet, salarji eċċessivi, tħaddim ħażin u misapproprjazzjoni ta' fondi, u saħansitra anke frodi u serq ta' fondi u eventwalment baqgħet tiġi operata bħala ponzi scheme.

Jgħid li l-inkwiet ta' dawn il-kumpaniji kien ilu ġej mill-2005 u kien hemm anke oġġezzjonijiet minn kumpaniji bħal KPMG u HSBC minħabba fuljetti u garanzija mhux veritiera.

Jispjega li fl-Ingilterra l-investituri kienu ġew ikkumpensati sa massimu ta' tmienja u erbgħin elf Lira Sterlina (48,000 GBP) u tħallsu madwar tlett elef u mitejn (3,200) klijent.

Jgħid li wara diversi laqgħat u ilment formali mal-MFSA, l-MFSA kienet ħarġet rapport fejn iddikjarat *mis-selling* minn naħa ta' Global Capital u rrakomdandat li l-investiment jitħallas lura, iżda Global Capital baqgħet tinsisti li l-investiment għadu ma ntilifx u ma taqbilx mar-rapport tal-MFSA.

Jgħid li kien ta' diżappunt għalih li wara dan kollu ma saritx ġustizzja mill-Qorti ta' Malta u li r-rapport tal-MFSA baqgħa njorat għal kollox, speċjalment in vista tas-sitwazzjoni fir-Renju Unit u kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji.

Ir-rikorrenti talbu wkoll l-allegazzjoni tal-proċess fl-intier tiegħu tal-proċeduri fl-ismijiet **Maurine Anne Fabri u Martes Ann Galea, din tal-aħħar bħala eredi ta' Paul Fabri vs GLOBALCAPITAL FINANCIAL MANAGEMENT LIMITED (C-30053)** bir-referenza 694/13 li l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu.

L-**Avukat tal-Istat** minn naħa tiegħu ppreżenta żewġ dokumenti li l-qorti ħadet konjizzjoni tagħhom u ċioe:

1. Id-Deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-8 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet **Maurine Anne Fabri u Martes Ann Galea, din tal-aħħar bħala eredi ta' Paul Fabri vs GLOBALCAPITAL FINANCIAL MANAGEMENT LIMITED (C-30053)**
2. Id-Digriet tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta' Ġunju 2019

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mis-**<u>sottomissjonijiet</u>** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

**Ir-rikorrenti,** fis-sottomissjonijiet tagħhom jirreferu għall-eċċezzjoni imqajma mill-Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu rigward in-non-eżawriment tar-rimedju ordinarju stante li digriet ta' deżerzjoni jista' jiġi attakkat permezz ta' rikors maħluf, liema rimedju ma ġiex eżawrit. Ir-rikorrenti jsostnu li dan mhux minnu u dan ai termini tal-artikolu 963(6) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 229 tal-Kap 12 li jipprovdi rimedju quddiem il-Qorti tal-Appell li f'dan il-każ mhuwiex konċepibbli minħabba li d-digriet hu minnu nnifsu digriet mill-Qorti tal-Appell.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat li talba biex tiġi riveduta l-kawtela kellha ssir permezz ta' azzjoni *ad hoc* kontra d-Direttur Ġenerali tal-Qrati u għalhekk il-Qorti ma setgħet qatt tiddeċiedi t-talba tar-rikorrenti tal-1 ta' April 2019, jgħidu li dan mhuwiex minnu stante li r-reġistratur huwa marbut li jkollu deċiżjoni tal-Qorti u

għalhekk in-nuqqas tad-deċiżjoni dwar ir-reviżjoni tal-ammont tal-kawtela kien ta' preġudizzju irreparabbli għall-esponent.

Isostnu li huma ġew impoġġija f'sitwazzjoni li ma kellhomx ebda rimedju jekk kemm -il darba ma jħallsux il-kawtela. Jissottomettu li din hija somma esaġerata meta mqabbla mal-ħamsa u għoxrin Ewro (€25) rikjesti biex wieħed jibda proċedura quddiem l-Arbitru dwar is-Servizzi Finanzjarji, li huma kienu preklużi minnha minħabba li bdew l-istess proċeduri.

Isostnu li la darba ż-żewġ rikorrenti ħalfu quddiem il-Qorti tal-Appell ai termini tal-artikolu 904 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kellha takkorda l-*cautio giuratoria*. Jelenkaw numru ta' deċiżjonijiet fejn il-Qorti tal-Appell[2] għamlet dan. In sosten ta' dan jirreferu wkoll għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Chircop et vs Salvatore Muscat noe** deċiża fit-28 ta' Frar 1997. Isostnu li ġie ampjament pruvat li l-mezzi tar-rikorrenti f'dan il-każ kienu limitati u għalhekk il-Qorti kellu tikkunsidra l-mezzi tagħhom.

Jissottomettu li l-kawtela eċċessiva u sproporzjonata ikkrejat leżjoni ta' aċċess għall-Qorti u leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali. F'dan ir-rigward jiċċitaw numru ta' deċiżjonijiet kemm tal-Qrati nostrani u kemm tal-Qorti Ewropea[3]. Isostnu li l-kawtela importa kienet tant eċċessiva li rrestrinġiet l-aċċess għall-Qorti lir-rikorrenti b'mod irreparabbli.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Minn naha tiegħu **l-Avukat tal-Istat**, b'referenza għat-tielet eċċezzjoni tiegħu u ċioe` in-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedju ordinarju jgħid li r-rikorrenti kellhom azzjoni *ad hoc* b'rikors maħluf. F'dan ir-rigward jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Jesmond Sammut vs Peter Aquilina** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru 2022 kif ukoll il-kawza fl-ismijiet **AJD Tuna Limited vs Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Awwissu 2020, kif ukoll il-kawża fl-ismijiet **Emanuel Cuschieri et vs Is-Soċjeta' Allwares Limited** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Ġunju 2022. Isostni li dan ir-rimedju kien u għadu disponibbli għar-rikorrenti u għalhekk la darba jeżisti rimedju effettiv huma ma kellhomx jinqdew bi proċeduri konstituzzjonali u f'dan ir-rigward jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Wasim Rakib vs L-Aġenzija Għal Protezzjoni Internazzjonali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Novembru 2022.

Isostni fir-rigward tar-raba` u l-ħames eċċezzjoni mressqa minnu li la darba hemm dikjarazzjoni ċara da parti tar-rikorrenti li l-kawtela ġiet kkalkolata u maħduma b'mod korrett ma jistgħux jibqgħu jsostnu li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell għar-rikors tagħhom f'dan ir-rigward kienet waħda leżiva għad-drittijiet tagħhom. Madanakollu, jissottometti li jżomm ferm l-eċċezzjoni tiegħu li l-Qorti kienet korretta meta ma ddeċidietx dan ir-rikors għax din kellha ssir b'azzjoni ta' ritassa kontra d-Direttur

[2] William Debini noe vs Saviour Coppini et noe deċiża fis-17 ta' Jannar 2001, Albert Mizzi noe vs John Mousu noe et deċiża fid-9 ta' April 2001.

[3] Emanuel Camilleri et v Kummissarju tal-Artijiet deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2006, Golder vs UK deċiża mill-Qorti Ewropea fil-21 ta' Frar 1975, Stubbings vs. United Kingdom deċiża mill-Qorti Ewropea fl-1966, De Gouffre de la Praddella v France deċiża mill-Qorti Ewropea fis-16 ta' Diċembru 1992.

Ġenerali tal-Qrati. Jgħid li l-garanzija tal-ispejjeż ġiet maħduma b'mod korrett għax il-fatt li l-appell sar biss minn deċiżjoni dwar eċċezzjoni ma jibdilx in-natura tal-azzjoni li fl-aħħar mill-aħħar kienet waħda ta' danni.

B'referenza għas-sitt, seba' u tmien eċċezzjoni jissottometti li r-rikorrenti ma humiex korretti meta jgħidu illi huma ma setgħux jagħmlu użu mir-rimedji mdaħħla fil-liġi bis-saħħa tal-Kap 555 tal-Liġijiet ta' Malta. Isostni li dak li qed timpedixxi l-liġi huwa li jkun hemm konsiderazzjoni dwar l-istess mertu u għalhekk ġialadarba l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ma ddeċidietx dwar il-mertu, l-azzjoni hija proċeduralment possibli. F'dan ir-rigward jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Giampaolo Lonzar u l-Avukat Paul Pullicino noe v. MLS et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju 2022, kif ukoll **Michaelle Paula Spiteri vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex et** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati Għawdex Ġurisdizzjoni Superjuri fil-5 ta' Lulju 2013, u kif ukoll **Muscat et vs Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-12 ta' Ottubru 2009.

Oltre` minn hekk, jgħid li r-rikorrenti qed jibbażżaw dan il-punt fuq interpretazzjoni t' artikolu u ma ottenew l-ebda deċiżjoni f'dan is-sens mill-istess Arbitru. L-istat ma jistax iwieġeb għal għażla li hija purament tar-rikorrenti li minħabba li qatt ma ttentaw din it-triq issa skadilhom iż-żmien ta' sentejn sabiex iressqu l-azzjoni tagħhom ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap 555 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward tad-disa', l-għaxar, il-ħdax u it-tnax -il eċċezzjoni jissottometti li l-jedd għal aċċess għal Qorti taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea mhuwiex assolut u bla limitied u huwa mistenni u aċċettat illi proċeduri ġudizzjarji jistgħu jiġu soġġetti għall-ħlas ta' spejjeż ġudizzjarji[4]. Isostni li l-ħlas tal-kawtela huwa maħsub biex jiskoraġixxi appelli frivoli intenzjonati biss biex itawlu u jdewmu l-eżekuzzjoni ta' sentenza li legalment u fattwalment tkun korretta, kif ukoll tiżgura li l-appellant ikun kapaċi jħallas l-ispejjeż ġudizzjarji. Dan l-għan huwa evidenti mill-artikolu 904 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi għall-eżenzjoni mill-istess ħlas[5]. Jissottometti li fil-każ odjern meta ġie invokat dan l-artikolu, kienet biss ir-rikorrenti Maurine Ann Fabri li ħadet il-ġurament rikjest mil-liġi u oltra minn hekk mix-xhieda fil-kawża odjerna fl-ebda ħin ma xehdet illi ma kellhiex mezz biex tħallas il-garanzija tal-ispejjeż. Jirreferi għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti (diversament preseduta) fl-ismijiet **Ġanni Attard vs L-Avukat tal-Istat et** deċiża fit-13 ta' Frar 2023 fejn il-Qorti sabet illi r-rimedju provdut mill-artikolu 904 huwa wieħed siewi u effettiv u għalhekk ġialadarba r-rikorrent m'għamilx użu minnu il-Qorti rrifjutat illi teżerċita s-setgħat tagħha skont fl-Art 46(2) tal-Kostituzzjoni[6].

Fir-rigward tar-rimedji jsostni illi t-talbiet relatati mal-allegat nuqqas ta' smigħ xieraq m'għandhomx jiġu milqugħa u b'hekk m'għandhomx jintlaqgħu lanqas it-talbiet għar-rimedji.

---

[4] Kreuz v Poland deċiża mill-Qorti Ewropea fid-19 ta' Ġunju 2001, Reuther v Germany deċiża mill-Qorti Ewropea fil-5 ta' Ġunju 2003.

[5] Knoess vs Malta deċiża mill-Qorti Ewropea fid-9 ta' Diċembru 2014, Muscat vs Malta deċiża mill-Qorti Ewropea fis-17 ta' Lulju 2012.

[6] Ara wkoll Caroline Bianco vs Rita Ebejer et deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Jannar 2003

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Minn naħa tagħha, is-soċjeta' kjamata in kawża **Global Capital Financial Management Ltd** tissottometti li l-Qorti tal-Appell ma kinitx żbaljata meta rrifjutat li tiddeċiedi dwar ir-rikors intavolat mir-rikorrenti rigward il-komputazzjoni tal-kawtela u dana stante li din kellha ssir b'azzjoni *ad hoc* kontra d-Direttur Ġenerali tal-Qrati u għalhekk ma ntavolawx l-azzjoni appożita. Oltre` minn hekk, issostni li l-komputazzjoni kienet waħda korretta li tirrefletti l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti. Tissottometti li taqbel mas-sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat li r-rikorrenti ma tistax tilmenta minn komputazzjoni skoretta meta fil-mori ta' dawn il-proċeduri hi ddikjarat l-istess komputazzjoni bħala waħda korretta.

Issostni li sabiex ir-rikorrenti jingħataw il-benefiċċju ai termini tal-artikolu 904 tal-Kap 12, ir-rikorrenti kellhom it-tnejn jieħdu ġurament, li minn naħa tagħha Martes Ann Galea ma ħaditux, u fil-mori ta' dawn il-proċeduri qatt ma ddikjarat li ma kellhiex mezzi sabiex tħallas u jemerġi mill-provi mressqa li kellha dan il-finanzjament. Tissottometti għalhekk li l-Qorti tal-Appell kellha raġun meta ddikjarat l-Appell bħala wieħed deżert.

Issostni li ma jistgħux ir-rikorrenti issa jgħidu li ġew imċaħħda mill-jedd tal-appell tagħhom meta kienu huma stess li naqqsu. Oltre` minn hekk, kienet għażla tagħhom ukoll li jkomplu bil-proċeduri ċivili anke wara li twaqqaf l-Arbitru dwar is-Servizzi Finanzjarji ai termini tal-Kap 555 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk isostnu li t-talbiet kollha rikorrenti, inkluż dawk li jirrigwardaw rimedju, għandhom jiġi miċħuda.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi stabbiliti il-fatti u magħrufa s-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżami u tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari imqajjma mill-intimati fir-risposti tagħhom:

### <u>Eċċezzjoni rigward in-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedju ordinarju</u>

Fit-tielet eċċezzjoni tiegħu l-intimat Avukat tal-Istat jeċċepixxi li r-rikorrenti ma kellhomx għalfejn jinqdew bil-proċeduri kostituzzjonali biex jattakkaw id-digriet ta' deżerzjoni mogħti mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Ġunju 2019 u dana stante li kwalunkwe digriet jista` jiġi attakkat permezz ta' rikors maħluf. Isostni għalhekk li la darba r-rikorrenti għandhom f'idejhom rimedju ordinarju tajjeb biex jikkontestaw id-digriet ta' deżerzjoni, din il-Qorti għandha tiddeklina milli tisma l-mertu tal-każ odjern ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

> *"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli*

*33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

Filwaqt li l-proviso għall-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:

*(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjonioriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra*

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fid-29 t'April 201314 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 –

*Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. Meta hu ċar li hemm meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-*

*ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Philip Spiteri vs Sammy Meilaq" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

*……*

*Fil-kawża fl-ismijiet "Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għarrimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha.*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et** deċiż fis-27 ta' Frar 2006[7] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

> *"Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli."*[8]
>
> *"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[9]
>
> *"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[10]
>
> *"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[11].

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern, ir-rikorrenti kellhomx a dispożizzjoni taghhom rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnhom.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel Hl jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[12]:

> *"….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u talartikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;"*

---

[7] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005
[8] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994
[9] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995
[10] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002
[11] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000
[12] Rik 40/10

Fis-sottomissjonijiet tiegħu l-Avukat tal-Istat isostni li r-rikorrenti kellhom u għad għandhom rimedju ordinarju għall-lanjanza tagħhom fil-forma ta' azzjoni *ad hoc* b'rikors maħluf.

Minn naħa l-oħra r-rikorrenti jinsistu li dan ma jreġix u dana stante li mkien fil-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jingħata rimedju b'rikors maħluf biex jiġu attakkati digrieti. Isostnu li r-rimedju provdut huwa dak t'appell iżda peress li d-digriet ta' deżerzjoni ingħata mill-Qorti tal-Appell innifisha ma seta' qatt isir appell minnu u għalhekk l-unika triq li kellhom ir-rikorrenti kienet li jintavolaw dawn il-proċeduri.

Din il-Qorti għalhekk jeħtieġ tindaga jekk ir-rikorrenti kellhomx fil-fatt rimedju li kien aċċessibli, xieraq, effettiv u effikaċi li seta jindirizza l-lanjanza tagħhom.

Issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili (Superjuri) tas-6 ta' Dicembru 2002, fl-ismijiet **Jesmond Sammut vs Peter Aquilina**, fejn jinghad hekk:

> *Kawza li tkun marret in gudikat tista' tigi ritrattata biss ai termini ta' l-artiklu 811 et sequitur tal-Kap. 12. Talba simili trid issir bi procedura ad hoc, u b'regoli fissi.*

U dan wara li kienet spjegat illi meta kawza tmur dezerta mill-Appell, skond il-ligi, is-sentenza appellata tigi taghmel stat u b'hekk il-procedura tkun mitmuma b'mod definittiv.

Ma jirrizultax illi r-rikorrenti f'dan il-kaz ittentaw jew mqarr ikkunsidraw dan ir-rimedju ai termini tal-Artikolu 811 tal-KAP 12 kif msemmi.

Kif ighid il-Professur Tonio Borg fil-ktieb tieghu **A Commentary on the Constitution of Malta**, "*the proviso can be applied even where the remedy was available and, through inertia or negligence of the applicant, it no longer was available when he instituted the human rights action*".[13]

Il-Qorti tosserva ukoll dak li qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **AJD Tuna Limited vs Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd et** deċiża fl-24 ta' Awwissu 2020, fejn il-Qorti qalet:

> *16. Illi l-Qorti tagħraf li AJD targumenta li, bis-saħħa tad-digriet tad-deżerzjoni tal-appell tagħha, l-appell tagħha kellu jieqaf. Madankollu, l-ilment tagħha li dak id-digriet ġabilha ħsara fil-jedd tagħha għal smigħ xieraq kien jista' jkun jgħodd kieku r-raġuni li wasslet għall-imsemmi digriet ma kinitx ġejja minn imġibietha stess;*
>
> *17. Illi, b'żieda ma' dan, il-Qorti jidhrilha li l-att imressaq minn AJD mhuwiex dak li kellha tinqeda bih biex setgħet tagħmel talba bħal dik li għamlet. Fid-dawl tal-fatt li l-effett immedjat ta' kawża li tkun marret deżerta fl-istadju tal-appell huwa dak li s-sentenza appellata ssir ġudikat, jidher ċar li dak l-istat ma setax jinbidel b'talba magħmula b'rikors ħalli din il-Qorti taqleb il-provvediment "contrario imperio". Jekk AJD riedet tikseb rimedju, **il-liġi tagħtiha li jagħmel dan bil-proċedura xierqa** u mhux b'rikors biex din il-Qorti tibdel "contrario imperio" d-digriet*

[13] 2016 Publication, pagna 266

> *li bih iddikjarat bħala deżert l-appell imressaq minnha. Digriet "contrario imperio" jista' jingħata biss fejn il-kawża tkun għadha tinstema' u mhux fejn tkun saret ġudikat. Dan ifisser ukoll li, mqar jekk AJD kellha raġuni tajba, l-att li ressqet biex għamlet it-talba tagħha ma kienx jiswa;*

Il-Qorti tosserva ukoll dak li qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Emanuel Cuschieri et vs Is-soċjeta' Allwares Limited** deċiża fit-23 ta' Ġunju 2022 fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

> *Din il-Qorti ma taħsibhiex bħall-ewwel Qorti li d-Digriet kien interlokutorju, għaliex, malli ngħata, l-appell tqies deżert u spiċċa u s-sentenza appellata saret ġudikat. Il-provvediment mogħti f'Ottubru tal-2017, ikkonferma biss li d-Digriet ma kienx se jitħassar u li l-appell kien tabilħaqq spiċċa mal-għoti tiegħu. F'dan ir-rigward, hija taqbel mal-appellanti f'din il-parti tal-aggravju tagħhom. Minħabba f'hekk, jidher ukoll li t-talba li kienu ressqu l-appellanti bir-rikors tagħhom tas-17 ta' Marzu, 2017, u li wassal għall-għoti tal-provvediment tal-10 ta' Ottubru, 2017, ma kinitx tajba lanqas* ***għaliex il-mod kif digriet ta' deżerzjoni mogħti minn din il-Qorti jista' jkun attakkat huwa bit-teħid tal-proċeduri li l-liġi tagħti lil min irid jattakka s-siwi ta' provvedimenti bħal dak****, u safejn dawn jistgħu hekk jittieħdu f'din l-istanza;*

Tajjeb jigi osservat illi dan huwa kaz tipiku fejn digriet ta' dezerzjoni moghti mill-Qorti tal-Appell kien attakkat permezz ta' rikors mahluf, allura r-rimedju ordinarju, kif qed jigi ecceppit mill-Avukat tal-Istat.

Ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, fil-kaz **Lee David Camilleri et vs Avukat tal-Istat** (25/20/1AF) deciza fit-18 ta' Mejju 2022, inghad hekk:

> *Huwa ċar li r-rikorrenti qegħdin, permezz ta' din il-kawża, sempliċiment jistiednu lil din il-Qorti sabiex tidħol fil-mertu tal-proċeduri li jilmentaw dwarhom għaliex ma qablux mad-deċiżjoni ta' dik il-Qorti. Iżda lproċedura korretta ċertament mhijiex li jiftħu kawża kostituzzjonali bħal donnu kull min ma jaqbilx ma' deċiżjoni tal-Qorti b'daqshekk ikun ġie leż xi dritt fundamentali tiegħu.*
>
> *Il-proċeduri kostituzzjonali u taħt il-Kap. 319 m'humiex intiżi biex jerġa' jiġi eżaminat il-mertu ta' proċeduri oħra, iżda se mai huma limitati sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni ta' dritt fundamentali filkors, jew b'riżultat, ta' dawk il-proċeduri.*
>
> *Huwa paċifiku li rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji u meta hemm soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u adottata qabel mal-Istat, jiġi akkużat bi ksur ta' drittijiet fundamentali. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin meta liċ-ċittadin ikunu provduti u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu (Alexander Barbara vs LAvukat Ġenerali, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Novembru 2018).*

> *Kif sewwa jeċċepixxi l-Avukat tal-Istat, jekk ir-rikorrenti ma qablux mad-digriet tal-Qorti għax skont huma ġew milquta ħażin miż-żamma fis-seħħ tal-mandat, kien imisshom fetħu kawża ad hoc għad-danni kontra l-persuna li fuq talba tagħha nħareġ il-mandat jew inqdew bil-proċedura skont l-artikolu 836(9) tal-Kap. 12 u mhux jippruvaw jinqdew b'kawża kostituzzjonali".*

Applikat dan l-insenjament għall-proċeduri odjerni, jirriżulta li permezz tad-digriet tagħha tal-11 ta' Ġunju 2019, il-Qorti tal-Appell iddikjarat l-Appell intavolat mir-rikorrenti bħala deżert u dana stante n-nuqqas ta' ħlas tal-kawtela. Il-Qorti tinnota illi dak id-digriet kien inghata wara illi nstemghu il-provi u d-difensuri ttrattaw. Il-Qorti tinnota ukoll li minn wara dakinhar, l-ewwel azzjoni li ħadu r-rikorrenti kienet li ntavolaw il-proċeduri odjerni fit-13 ta' Awissu 2020, ossia 14 il-xahar wara.

Mid-deċiżjonijiet fuq ċitati huwa evidenti li l-liġi tikkomtempla rimedji ulterjuri ordinarji f'dawn il-każijiet li r-rikorrenti setgħu intavolaw iżda naqsu milli jagħmlu dan. Huwa ben maghruf ukoll illi din il-Qorti hija straordinarja u specjali, u ma hux lok illi persuna jirrikorri ghal din il-Qorti meta in effetti hemm rimedji ohra ordinarji x'jittiehdu. Ma nġiebet l-ebda prova li turi li kien hemm xi ħaġa x'tostakola lir-rikorrenti milli jagħmlu dan, għajr purament l-għażla tagħhom. Lanqas ma jirrizulta illi kien hemm xi tentattiv illi jittiehdu dawk il-proceduri ordinarji.

Il-Qorti trid tosserva illi proceduri quddiemha ghandhom ikunu, kif deskritti mill-Profs. Tonio Borg fil-ktieb tieghu hawn fuq riferit, "*one of last resort*", fis-sens illi "*allowing human rights actions when available adequate remedies are available, also trivialises the special procedure of alleging human rights violations*".

Il-Qorti tinnota wkoll li r-raġunijiet elenkati mir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet tagħhom dwar ir-raguni ghaliex il-Qorti tal-Appell kienet żbaljata meta ddikjarat l-Appell tagħhom deżert jistgħu faċilment jiffurmaw il-bażi u r-raġunijiet għall-azzjoni b'rikors *ad hoc* li l-ġurisprudenza fuq ċitata tirreferi għaliha. Mill-bqija din il-Qorti mhix ser tikkumenta aktar peress illi aktarx tkun qed taqbez il-limiti taghha ghal finijiet ta' din id-decizjoni.

B'hekk din il-Qorti tqis li r-rikorrenti f'dan il-każ kellhom għad-disposizzjoni tagħhom rimedji ordinarji li naqsu milli jipprevalixxu ruħhom minnhom qabel ma rrikorrew quddiem din il-Qorti.

Din il-Qorti tfakkar li l-Qrati Kostituzzjonali huma qrati ta' ġurisdizzjoni straordinarja u m'għandhomx jitqiesu bħala *default* meta wieħed ma jafx quddiem liema qorti jew forum għandu jintavola l-ilment tiegħu. Oltre` minn hekk, speċjalment f'lanjanza li tirrigwarda propju materji ta' smigħ xieraq, wieħed m'għandux jirrikorri quddiem il-Qrati Kostituzzjonali qabel ma jkun għamel dak kollu possibli minn naħa tiegħu biex jiggarantixxi l-istess smigħ xieraq – huwa l-obbligu tal-Qrati li jaraw li jkun hemm smigħ xieraq, iżda huwa wkoll obbligu ta' kull parti li tagħmel l-almu tagħha sabiex il-kawża tagħha tinstema bla xkiel u dan jinkludi l-obbligu li l-proċeduri jiġu intavolati quddiem il-Qorti opportuna, fiz-zmien opportuni u skond ir-regoli ta' proceduri illi jkunu fis-sehh u applikabbli.

**GHALDAQSTANT, din il-Qorti, għar-raġunijiet fuq imsemmija, qegħda tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat intimat għaliex hija sodisfatta illi r-**

**rikorrenti kellhom mezzi xierqa ohra ta' rimedju li kienu disponibbli ghalihom, u allura hemm raġunijiet biżżejjed sabiex din il-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tqis l-ilmenti kollha tar-rikorrenti fil-mertu.**

**L-ispejjez tal-kawża jkunu a karigu tar-rikorrenti.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**